# Il-Victoria Lines - *Francis Debono*

Il-Għargħur huwa raħal żgħir u wieħed mill-irħula antiki fil-gżejjer Maltin. Il-Għargħur jinsab mifrux fuq għolja bejn żewġ widien mill-isbaħ: Wied id-Dies u Wied Anġlu.


Waħda mill-Fortijiet - Forti Madliena

Lejn in-naħa ta' Wied Anġlu insibu Linja ta' fortifikazzjonijiet twila 12 k.m. mibnija fi żmien l-Ingliżi li taqsam lil Malta min-naħa ghall oħra minn Fomm ir-Riħ sa Baħar iċ-Cagħaq.

L-għan ewlieni ta' l-Ingliżi kien li jiddefendu l-Port il-Kbir u l-inħawi ta' madwaru mill-għedewwa għax dan il-port kien sar l-akbar bażi tar-Royal Navy fil-Mediterran.

Għalhekk nibtet l-idea li jinbnew sensiela ta' fortifikazzjonijiet tul l-irdum li jaqsam lil Malta min-naħa għall-oħra mill-Kunċizzjoni sal Madliena.

Ix-xogħol fuq dan il-proġett għal-linja ta' difiża inbena fl-1875 taħt l-Isem tan-North West Front. L-ewwel li nbnew kienu tlett fortijiet: Bingemma; l-Mosta u l-Madliena. Aktar tard imbena forti ieħor dak ta' Pembroke ftit lura minn dak tal-Madliena.

Il-ħajt tal-Victoria Lines ma tantx huwa għoli iżda kien maħsub biex joffri protezzjoni lis-suldati li setgħu jisparaw minn warajħ. Flimkien mall-vantaġġ li huma kellhom minħabba il-pożizzjoni tagħhom fuq l-irdum fejn l-għadu ried bilfors javvanza minn taħthom.

Il-Victoria Lines issemmew għar-Reġina Victoria li fl-1897 hi għalqet 60 sena fuq it-tron ta' L-Ingilterra. Biex jiġi mfakkar dan l-avveniment inbnew il-Victoria Lines.

Il-Victoria Lines qatt ma ġarrbu l-prova u sa qabel l-ewwel gwerra dinjija kienu diġa meqjusa bħala antikwati iżda xorta jibqgħu xiehda ta' l-evoluzzjoni tal-Fortifikazzjoni u parti mill-wirt storiku ta' pajjiżna


Parti mil-ħajt tal-Victoria Lines

**IL-KUMITAT U L-GHAQDA TAN-NAR JIXTIEQU JIRRINGRAZZJAW LILL-ISPONSERS KOLLHA LI RREKLAMAW FUQ DAN IL-PROGRAMM**